MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 256/2004

**Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta**

**Vs**

**Pollo D'Oro Ltd u l-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona bhala amministratur ta' l-istess socjeta` Pollo D'Oro Limited ghal kull buon fini u ghal kull interess li jista` jkollu.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettit illi:

Premess illi s-socjeta` konvenuta ilha tokkupa l-fabbrika HF 13A li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far mill-ghaxra (10) ta' Lulju elf disa` mija u sebgha u disghin (1997) u dan skond letter of intent (Dok A) mahruga mill-Korporazzjoni attrici li ggib id-data tal-hamsa u ghoxrin (25) t'April elf disa` mija u sebgha u disghin (1997);

Premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika HF 13A gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far fl-ammont ta' erbatax-il elf hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm14,576.12) skond il-prospett anness u mmarkat Dok C u dan sad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

Premess illi l-istess socjeta` konvenuta, minkejja li giet interpellata diversi drabi, anki permezz ta' ittra ufficjali li ggib id-data ta' l-24 ta' Awissu 2001 (Dok B) sabiex thallas kumpens ghall-okkupazzjoni kif dovuta baqghet inadempjenti;

Premess ukoll illi s-socjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet (fosthom il-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni) li a bazi taghhom kienet tokkupa l-fabbrika HF 13A gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far skond il-letter if intent li ggib id-data tal-25 ta' April 1997;

Premess illi l-klawsola numru 4 ta' l-istess letter of intent tghid illi din l-istess ittra ghandha tigi meqjusa bhala bla effett hekk kif ma tigix osservata xi wahda mill-kundizzjonijiet hemmhekk imsemmija;

Premess illi s-socjeta` konvenuta qeghda tigi ammininstrata minn Amministratur Provisorju mahtur mill-Qorti b'digriet tat-3 ta' Settembru 2003 ai termini ta' l-Artikolu 228 (1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1) Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-letter of intent tal-25 ta' April 1997 u illi konsegwenzjalment, ai termini tal-klawsola numru 4 ta' l-istess letter of intent (Dok A), is-socjeta` konvenuta m'ghad ghandha ebda dritt ghall-assistenza hemmhekk approvata inkluz l-okkupazzjoni tal-fabbrika de quo.

2) Tiddikjara illi l-konvneuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni fuq il-fabbrika HF 13A, Qasam Industrijali, Hal Far fl-ammont ta' erbatax-il elf hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm14,576.12) skond il-prospett anness u mmarkat Dok C.

3) Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-Korporazzjoni attrici arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni fis-somma ta' erbatax-il elf hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm14,576.12) skond il-prospett immarkat Dok C.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Awissu 2001 u tal-mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota tal- 5 ta' Novembru 2004** ta' Dr. Andrew Borg Cardona noe li biha informa lill Qorti li hu Amministratur tas-socejta konvenuta u li stante li ma hemm xejn jikkontesta minn dak premess fic-citazzjoni ma jidhirlux li ghandu jaghmel eccezzjonijiet biex b'hekk ma johloqx spejjez zejda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa t-talbiet attrici
Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------